MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## VERONICA GALEA DEBONO

Seduta tad-29 ta' Novembru, 2010

Talba Numru. 512/2010

Intercomp Marketing Limited (C20612).

Vs

David Kitcher (ID. 147975M).

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta’ attrici qed titlob il-hlas tas-somma ta’ elf, sitt mija u tmintax-il ewro u seba u tletin centezmu (€1,618.37) minghand il-konvenut, in konnessjoni ma ‘computer hardware’ mixtri minghand is-socjeta’ attrici. U peress illi l-konvenut gie interpellat sabiex ihallas diversi drabi izda baqa inadempjenti, kellha ssir din il-kawza. Bl-ispejjes u bl-imghaxijiet mid-data tal-konsenja, cioe mit-23 ta’ Novembru 2007 kontra l-konvenut ngunt ghas-subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta' attrici u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondieh, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba, u jikkundanna l-konvenut ihallas is-somma ta' elf, sitt mija u tmintax-il ewro u seba u tletin centezmu (€1,618.37), bl-imghax kif mitlub fl-Avviz.   L-ispejjez kollha tal-kawza kif mitluba fl-Avviz ghandhom jigu ssopportati mill-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------